MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2011

Numru. 926/2009

**Il-Pulizija**
**Supretendent Carmelo Magri**
**vs**
**Josef sive Joseph Sharfid**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Josef sive Joseph Sharfid ta' 33 sena, bin Mohammed u Maria Dolores nee' Mangion, imwieled Pieta' fid-9 ta' Awwissu , 1975 u li fil-prezent residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola u detentur tal-karta tal-identita' numru 392375(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-18 ta' Gunju 2008 ghall-habta tat-8.00 ta' filghaxija, mill-fond bl-isem 'International House' No. 128, Triq is-Sirk, Swieqi, kkommetta serq ta' laptop 'Sony' ghad-dannu ta' Corinee Xuereb, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u

ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Coriene Xuereb, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-granet ta’ wara din id-data, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’ Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mil-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta’ Settembru, 2009 (esebit *a folio* 14 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-12 ta’ Novembru, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw serqa li sehhet fit-18 ta’ Gunju 2008 ghall-habta tat-8.00pm mill-fond bl-isem International House, 128, Triq is-Sirk, Swieqi, fejn insteraq lap top tal-marka Sony li kellu valur ta’ madwar Lm400 liema serq sar ghad-detriment ta’ Corinne Xuereb. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u nvestigattiv f’dan il-kaz, is-Supretendent Carmelo Magri li xehed waqt l-udjenza tat-12 ta’ Novembru 2009 jirrizulta li huwa inghata nformazzjoni kunfidenzjali li s-serqa in dizamina kienet giet imwettqa mill-imputat u huwa ghalhekk gie interrogat mill-Pulizija fejn irrilaxxja stqarrija li tinsab inserita a fol 18 u 19 tal-atti processwali fejn huwa innega b’mod assolut l-involviment tieghu fis-serqa u wara li kkonferma li kien gie mehud fuq il-post fejn sehhet is-serqa mill-Pulizija qal li huwa qatt ma mar jew dahal fil-fond in kwistjoni l-anqas sabeix jaghmel u xoghlijiet.

F’dawn il-proceduri xehed PS 959 Wistin Micallef (traskrizzjoni tax-xhieda inserita a fol 42 u 43 tal-atti processwali fejn huwa kkonferma li kien akkompanja lill-imputat fuq il-post tas-serqa fejn dan innega li qatt kien mar f’ dan il-post. Mill-atti processwali jirrizulta li l-investigazzjoni dwar din is-serqa (ara xhieda tal-Ispettur Trevor Micallef a fol 57) sar bhala police work u li fil-kors tal-investigazzjoni kien tqabbad PS 964 Robert Scicluna sabiex jaghmel l-ezamijiet ghall-impronti digitali fuq il-post.

Mix-xhieda tal-imsemmi PS 964 Robert Scicluna li xehed waqt l-udjenza tat-12 ta’ Novembru 2009 u mid-dokumenti minnu esebiti li jinsabu inseriti a fol. 38 tal-atti processwali jirrizulta li kien gie elevat lifter ta’ impronta digitali minn fuq it-tieqa miksura minn min dahal jisraq il-post in dizamina. F’dawn il-proceduri xehed ukoll PS 186 Christian Mintoff [1] li esebixxa sett ta’ hmistax il-ritratt li juru dak li sab meta acceda fuq ix-xena tad-delitt. Permezz ta’ digriet tat-12 ta’ Novembru 2009 il-Qorti nnominat bhala espert tal-impronti digitali lil Joseph Mallia sabiex wara li jeleva l-impronti digitali tal-imputat jaghmel ezami komparattiv bejn dawn l-impronti digitali u l-lifter elevat minn fuq ix-xena tad-delitt.

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 44 tal-atti processwali.

L-imsemmi espert prezenta ir-rapport tieghu waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2010[2] fejn huwa ikkonkluda s-segwenti:-

*'Illi wara li gew ezamintati, studjati u kkomparati d-dokumenti 08 PJC 301, lifter li jogbor fih impronta digitali zviluppata permezz ta' l-alluminium powder u elevata permezz ta' lifting tape fuq acetate sheet trasparenti, u d-dokumeti JM 1 formola ta' l-impronti digitali u JM 2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' Josef Sharfid li joqghod fil-fond numru 191, Triq ir-Republika l-Belt Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 392375(M), l-esponent jikkonkludi dan li gej:*

*1. Illi l-impronta elevata permezz tal-lifter dokument 08 BJC 301 giet ikkomparata pozittivament mal-marka tas-saba l-kbir ta' l-id ix-xellugija ta' Josef Sharfid li joqghod fil-fond numru 191, Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita' numru 392375(M).*

*Illi l-esponent qieghed jirritorna d-dokumenti d-dokumenti 08 BJC 301, lifter li jigbor fih impronta digitali zviluppata permezz ta' l-alluminium powder u elevata permezz ta' lifting tape fuq acetate sheet trasparenti, u d-dokumenti JM 1 formola ta' l-impronti digitali u JM 2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' Josef Sharfid li joqghod fil-fond numru 191, Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 392375(M), li kien gie awtorizzat jirtira mill-process sabiex setgha jaqdi l-inkarigu lilu moghti, u qieghed jipprezenta faxxikolu fotografiku flimkien ma' rapport tekniku ta' kif wasal ghal-konkluzjonijiet tieghu lil din l-Onorabbli Qorti.'*

Ikkunsidrat:

Illi kif diga' inghad aktar 'il fuq il-lifter li gie elevat minn fuq ix-xena tad-delitt u li qabel posittivament mal-impronti digitali tal-imputat fil-kawza odjerna gie elevat minn hgiega li tkissret sabiex il-malviventi jaccedu fil-post fejn saret is-serqa. Kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq l-imputat

[2] Rapport inserit a fol. 56 tal-atti processwalli.

meta gie interrogat mill-Pulizija u rrilaxxja stqarrija qal li huwa qatt ma mar fil-post in dizamina l-anqas sabiex forsi jaghmel xi xoghlijiet u ghalhekk ma hemmx raguni valida il-ghala l-impronta digitali tieghu kellha tinstab fuq il-hgiega imkissra salv jekk mhux ghaliex huwa kien involut fis-serqa li saret mill-fond in dizamina. L-istess fond ma jistghax jinghad li huwa fond accessibbli ghall-pubbliku u ghalhekk il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien involut fis-serqa li tifforma l-mertu tal-kawza odjerna.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali voluminuza tal-imputat jirrizulta li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja diversi drabi u ma jidhirx li huwa jrid jaqbad it-triq it-tajba. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 278, 279, 325, 17, 20, 31, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), tat-tieni(2) u tar-raba’(4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlettax(13)-il xahar prigunerija. Stante li t-tielet(3) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni ghall-liema l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ erba mija u erbgha u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€494.63) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------